kienet ġietu x-xoqqa f'moxtha biex jeħles minn Pinocchio u jtemm ix-xogħol tiegħu. Imma ma kellux ikun hekk. Lill-editur tal-''Giornale per i bambini'' bdew jaslulu eluf ta' ittri ta' protesta biex jissokta r-rakkont u biex Pinocchio jinħeles mill-mewt. Lorenzini kellu jbaxxi rasu: qabad lis-Saħħara tibgħat Bies li qata' l-ħabel ta' l-imgħallaq. Tliet snin wara Pinocchio deher stampat fi ktieb.

Illum, wara disgħin sena, il-ktieb ta' Collodi hu x-xogħol li l-aktar ġie maqlub f'ilsna wara l-Bibbja; ġie stampat f'aktar minn mitejn ilsien, fosthom b'xi djaletti Afrikani, u saħansitra bil-Latin: Pinoculus.

Kont sa ninsa ngħid li Collodi huwa isem ta' post fl-Italja madwar erba' kilometri bgħid minn Pescia. F'Ġunju ta' din is-sena f'Collodi nfetaħ il-''Paese dei Balocchi'', bix-xbihat tal-karattri li niltaqgħu magħhom fil-ktieb ta' Pinocchio.

---

## XENQIET IL-QALB

Xenqiet il-qalb bħal toroq dojoq żgħar
ma jwasslu mkien;
imdawla biss minn felli qamar sfajjar
għal ftit waqtiet;
u jerġgħu mudlamin daqs kenn il-qabar.

Xenqiet il-qalb ftit ħolm f'siegħat in-ngħas,
bla saħħa xejn;
thewdin ta' moħħ miġnun li f'ħin is-serħ
ma jsibx mistrieħ;
jinfetħu dlonk l-għajnejn u jsibu d-dlam.

Xenqiet il-qalb bħal ħjut ta' kobba mħabbla,
truf imgerrfxin;
tiġbed biex tħoll u l-għoqod joktru sfiq,
taħwid bla tmiem;
ħela ta' żmien li ma jissarraf f'xejn.

PAWLU MIFSUD



## IL-GALLOZZ

### Ta' KILIN

Is-Salini, wara nofs in-nhar tat-Tlieta tal-Karnival. Skiet u sliem, wara sitt xhur ta' kwiet bla waqfien, u jien u int, Wenz, mill-ġdid waħedna. Warajna, fil-bogħod, leħen it-tfal iż-żgħar jitbandlu u jiżżerżqu ħdejn il-masġar ta' Kennedy qisu t-tpespis ferrieħi ta' l-agħsafar.

Il-ħamrija mxaqqa bin-nixfa żammet is-sinjali tat-tyres li ħallew il-karozzi fix-xitwa. Ħdejna l-ilma hiemed qisu mera bejn il-qasab. Fakkarni f'Hyde Park, imma m'hawnx il-papri bil-frieħ żgħar daqs flieles jgħumu warajhom bħal ma kien hemm Hyde Park. Hawn ma tidhirx rixa u ma tinstemgħax għajta ta' tajra.

Il-ħaxix bidel lewnu u libes il-kaki, u l-fjuri tar-rebbiegħa, minbarra dik il-leblieba roża qisha tromba ta' gramophone antik, nixfu kollha. Le. Fadal ukoll din l-iris, fjamma tal-gass ikħal ħierġa mill-art. Doqq xi ħaġa, Wenz.

''Zoltan Kodali?''

''Tajjeb, doqq, u ħallini nserraħ qalbi u noħlom...

Tħaxwix, ġiri ta' klieb, u wasal ħabibi Lino, raġel mill-iżjed fabbli li naf. Iżda llum liebes ta' kaċċatur, b'ċinturin skrataċ, barżakka, berritta tal-pizz u senter Browning ta' ġmiel kbir, b'magazin ta' ħames skrataċ.

''Ara Kilin! Kollox sew?''

''Nizżiħajr 'l Alla! U int? Ġejt teqred il-ħajja?''

''Mhux kulħadd għandu xi delizzju?''

U baqa' sejjer, maż-żewġ uliedu, (wieħed minnhom għad ikun pittur tajjeb, ħallieq tal-ġmiel) isaffar lill-klieb u jfittex xi ħaġa x'joqtol. Il-klieb igħaġġbuk kemm huma mħarrġa tajjeb u kemm jifhmu. Jaqbżu fl-ilma, jiġru qalb il-qasab, ifittxu t-tajra, u meta ma jsibu xejn iħarsu lejn sidhom, u dan b'idu jurihom fejn iridhom imorru u jobduh qishom kienu bnedmin. Klieb sbieħ u bravi, imma għalija ta' min jistmerrhom, bħal dawk l-imsieken li biex jinħabbu mal-prinċipal jiġġakbinjaw lil sħabhom. Wenzu siket.

''X'ġej issa?''

''Bela Bartok?''

''Mela qbadt ma' l-Ungeriżi, Wenz?''

Ħasditni! Ħarġet tajra mill-qasab, u taret kemm kemm ma tmissx ma' l-ilma, lejn in-naħa l-oħra ta' l-ilma. Il-kaċċatur kien aljenat, u sakemm ipponta kienet tbiegħdet. Imma l-klieb marru warajha, u bdew ifittxu, b'ħafna tħaxwix, fil-qasab. Bdejt nitlob li ma jsibuhiex.

''Doqq qawwi, Wenz, biex titgerrex lejn in-naħa l-oħra!''